# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tlieta 6 ta' Frar 2001**

**Avviz. numru 140/97**

**Numru 29**

**Gasan Insurance Agency Limited bhala rappresentantrici tas-socjeta estera General Accident Fire & Life Assurance Coporation Plc., kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Emanuel u Josephine Deguara u b'nota tal-24 ta' Mejju 2000 is-socjeta Gasan Mamo Insurance Agency Limited in rappresentanza tas-socjeta asskuratrici estera GCU Insurance plc gia General Accident Fire & Life Assurance Corporation plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Emanuel u Josephine Deguara assumiet l-atti.**

**vs**

**Carmelo Vella**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta' attrici nomine talbet sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex din il-Qorti ma ghandhiex:

1. tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghad-danni kollha sofferti mis-socjeta attrici bhala konsegwenza tal-incident tat-traffiku li gara fid-19 ta‘ Lulju 1996 fil-limiti tal-Gzira waqt li l-konvenut kien qed isuq il-vettura JAA 613, b’mod negligenti, imprudenti u kontra r-Regolamenti tat-Traffiku, bir-risultat li huwa habat mal-vettura numru L-8190 propjeta tal-assikurat tas-socjeta attrici.

2. tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta attrici fl-ammont ta‘ sitt mija u sitt Liri Maltin u erba u erbghin centezmi (Lm606.44,0) jew somma ohra verjuri, okkorrendo bl-opra ta’ periti nominandi;

3. tikkundanna lill-konvenut jhallas lis-socjeta attrici dik is-somma li tigi hekk likwidata flimkien mal-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika tal-Ittra Ufficjali datat 7 ta’ Ottubru 1996.

Bl-ispejjes komprisi dawk ta’ Ittra Ufficjali tas-7 ta’ Ottubru 1996 kontra l-istess konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzonijiet tal-konvenut li biha eccepixxa illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li Josephine Deguara hi unikament responsabbli ghall-incident bejn iz-zewg vetturi.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha.

Ikkunsidrat

Illi l-assikurata Josephine Deguara (fol 18 u 42 et seq ibid) tas-socjeta' attrici ssostni li, meta kienet waslet fil-lokalita tal-incident (ara fol 29 ibid), waqt li kienet qed issuq il-karozza numru L-8190, hi sabet it-traffiku, tista' tghid, wieqaf bi Pulizija qed jidderigih. Waqt li kienet wieqfa innotat li kien hemm "container" ("trailer") wieqaf mal-genb taghha fuq ix-xellug. Hawnhekk hi rat l-istess Pulizija jaghti sinjal sabiex it-traffiku jkompli miexi il-quddiem. Izda meta ghadha kienet wieqfa, hi rat il-mera ta' barra tal- lemin tal-vettura taghha ittir u dan stante li "truck" tal-Gvern ta' Malta misjuq mill-konvenut kien laqatha fuq il-lemin u konsegwentement "kelli tkaxkira mal-genb kollu tieghi fuq il-lemin". It-"truck" in kwistjoni kompla jersaq l'hemm sakemm il-Pulizija imsemmi waqfu. Sussegwentement hi nnotat li l-istess "truck" li kien gholi hafna, kellu "rota bbuzata l-barra u laqatni b'din ir-rota".

Ikkunsidrat

Illi l-konvenut (fol 44 et seq ibid) spjega li kien sejjer ghax-xoghol fuq "truck" tal-marka "Iveco", u nnota li, mal-hajt kien hemm "loader" bi

"crane" fuq barra. Inoltre kien hemm Pulizija li kien waqfu sabiex jkunu jistghu jghaddu l-karozzi gejjin mid-direzzjoni opposta. Hawnhekk giet "il-mara li ghada kemm xehdet" ossija Josephine Deguara u allegat li hu kien laqat il-vettura taghha. Hu difatti sostna li ma kien sema' l-ebda hoss ta' xi habta. Inoltre kien innota, wara, li l-karozza misjuqa minn Josephine Deguara kienet tinsab bejn il-"loader" ossija "truck" kbir li gja semma u dak misjuq minnu.

Ikkunsidrat

Illi, wara li kkonsiderat il-premess, minn fejn jidher li l-konvenut lanqas ma induna li kien laqat vettura ohra, ghandu jinghad li, fuq basi ta' probabilta, dak li xehdet Josephine Deguara jirrifletti dak li verament gara f'dan il-kaz u ghalhekk, ir-responsabilta ta' dan l-incident ghandha tigi akkollata lill-konvenut minhabba, sewqan minghajr l-attenzjoni u l-prudenza rikjesti minnu waqt li kien qed jsuq "truck" ossija vettura ta' certu kobor f'lokalita traffikuza.

Ikkunsidrat

Illi l-ammont u "quantum" ta' danni pretizi (ara fol 49 sa 55 tal-atti) ma gewx kontestati.

Ghal dawn il-motivi tilqa' t-talbiet attrici u;

1. tiddikjara lill-konvenut bhala unikament responsabbli ghall-incident in esami minhabba negligenza,imprudenza fis-sewqan da parti tal-istess konvenut;

2. tillikwida l-ammont ta' danni dovut fis-somma ta' Lm606.44,0;

3. tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lis-socjeta' attrici nomine is-somma ta' Lm606.44,0 bl-imghax legali mid-data tan-notifika tal-ittra ufficjali tas-7 ta' Ottubru 1996 sal-pagament effettiv u bl-ispejjes inluzi dawk tal-istess ittra ufficjali.

Alan Calleja
Dep.Reg